QALA

Ref Nru: 31

Il-minuti tal-wiehed u tletin laqgha tal-hames leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar it-Tlieta 17 ta' Novembru 2009, fil-5:00 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tad-disgha u ghoxrin u tat-tletin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tad-disgha u ghoxrin u tat-tletin laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Il-mewt tal-Kunsillier Anthony Camilleri – quddiesa u minuti silenzju.**

3.1 Giet offruta minuti silenzju ghal ruh il-Kunsillier Anthony Camilleri li miet nhar il-Hamis 29 t'Ottubru 2009. Il-Kunsill iddecida li ghandha jsir quddiesa ghal ruhu fl-gheluq ix-xahar mill-mewt tieghu. Giet mibghuta *press release* mill-Kunsill lill-gazzetti lokali dwar l-ahbar tal-mewt ta' Anthony Camilleri. Giet mibghuta ittra lill-Kummissjonarju Elettorali Principali fl-Ufficcju Elettorali fejn gie informat bil-mewt ghall-gharrieda tal-Kunsillier Anthony Camilleri u li l-kariga tieghu hija vakanti. Il-Kunsill ircieva avviz minghand il-Kummissjoni Elettorali dwar elezzjoni kazwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier, fejn illum stess 17 ta' Novembru 2009 gie elett is-Sur Jesmond Borg.

**4 Attivitajiet ghal zmien il-Milied.**

4.1 Is-Sindku Paul Buttigieg ta spejgazzjoni tal-programm ta' l-attivitajiet li ser jigu organizzati ghal zmien il-Milied 2009 li ser ikun jikkonsisti kif gej:

4.2
- *Football tournament.*
- Serata ghall-Familja.
- Harga ghall-anzjani u nisa.
- Premju Unur Gieh il-Qala.

4.3 Is-Sindku ppropona li ghal din is-sena il-Premju Unur Gieh il-Qala ghandu jinghata lil Kunsillier Anthony Camilleri. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan. Gie deciz li s-serata ta' Premju Unur Gieh il-Qala ghandha jsir fil-bidu ta' Jannar 2010 peress li bhalissa t-tifel tieghu jinsab imsiefer.

**5 L-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp f'Hondoq ir-Rummien bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02.**

5.1 Is-Sindku semma li huwa kellu konversazzjoni ma Martin Seychell fl-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Is-Sindku nformah illi t-*Traffic Impact Statement* dwar il-propost zvilupp f'Hondoq ir-Rummien bl-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02 huwa importanti daqs l-*Environment Impact Statement.* Huwa semma li s'issa l-Kunsill ghadu minghajr risposta dwar id-data tal-*public hearing.* Il-Kunsill ircieva ittra minghand Mariello Spiteri mill-*Environmental Management Design Planning* fejn bghatu kopja tal-EIS. Dan l-EIS gie mibghut lil konsulenti tal-Kunsill. Giet trattati diversi korrispondenza fuq din il-materja li saret bejn il-Kunsill, Steven Vella wiehed mill-Konsulenti tal-Kunsill, ic-*Chairman* ta' l-Awtorita` Austin Walker, Martin Seychell *Director Environment Protection* fl-Awtorita, Jonathan Henwood mill-Awtorita` u Robert M Galea fi *Transport Planning Unit* mill-Awtorita`, datati l-21 t'Awwissu 2009, l-4, id-9, it-22, id-29 ta' Settembru 2009, il-15, il-21, it-22 u s-26 ta' Ottubru 2009. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Astrid Vella Kordinatur mill-Flimkien ghal Ambjent Ahjar dwar *Architecture Awards 2009.* Il-Kunsill iddecida li jaghti xi ghajnuna finanzjarja lill-istudenti li ser jiehdu sehem.

**6 L-ahhar zviluppi dwar il-*picnic area* - progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala.**

6.1 Is-Sindku semma li kellu jieqaf ftit ix-xoghol fuq il-*picnic area* – progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala peress li l-*handyman* kellu attakk tal-qalb, izda ftit tal-granet ilu rega nghata bidu ghal dan ix-xoghol. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Clyde Puli dwar talba ghal ghajnuna fuq il-*football pitch.*

**7 Rendikont wara l-laqgha li saret bejn il-Kunsill Lokali Qala u l-Kunsill Lokali Marsaskala dwar il-gemellagg bejn iz-zewg lokalitajiet.**

7.1 Il-Kunsill iddiskuta li l-laqgha li saret bejn il-Kunsill Lokali Qala u l-Kunsill Lokali Marsaskala dwar il-gemellagg bejn iz-zewg lokalitajiet li kienet tajba hafna. Waqt din il-

laqgha saret diskussjoni fuq diversi proposti li jistghu jsiru flimkien bejn iz-zewg lokalitajiet.

**8 Xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak (*hot rolled asphalt*) ta' Triq it-30 t' Ottubru 1948 – it-tieni kisja.**

8.1 Is-Sindku semma li Triq it-30 t'Ottubru 1948 ghadha ma nghatatx it-tieni kisja tarmak peress li kien hemm xi problemi dwar il-levellar tat-triq. X'hin jigu solvuti dawn il-problemi jitkompla x-xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak (*hot rolled asphalt*) billi tinghata t-tieni kisja.

**9 Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.**

9.1 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Deborah Pace fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-attivitajiet li ser jorganizza l-Kunsill inkonessjoni mal-Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf kif ukoll inbghat il-*breakdown* ta' l-ispejjes ta' dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill ircieva ittra minghand id-Direttur tad-Dipartiment Natalino Attard fejn informa lill-Kunsill li ser jinghata massimu ta' €900 ghal erba` attivitajiet fost il-lista li bghat il-Kunsill. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Onorevoli Dr Chris Said fejn gie mistieden ghall-attivita tat-tqassim tal-basktijiet tad-drapp u l-boroz tas-separazzjoni ta' l-iskart li ser isir nhar it-3 ta' Dicembru 2009. Giet mibghuta *press release* mill-Kunsill lill-gazzetti lokali dwar l-attivita tal-*Clean Up* li sar f'Hondoq ir-Rummien, wahda mill-attivitajiet li organizza l-Kunsill ghal din l-inizjattiva. Is-Sindku semma li ser isir *bring in site* ohra fi Triq ta' Gulju kif ukoll ser isiru t-tahdidiet fuq il-*compost*.

**10 Terminazzjoni tal-kuntratt tat-tindif u attendenza ta' Latrini Pubblici.**

10.1 Is-Sindku semma li ma regax gie mgegged il-kuntratt tat-tindif u attendenza ta' Latrini Pubblici li l-Kunsill kellu mat-Taqsima ta' l-Indafa Pubblika f'Ghawdex. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lid-Direttur Joseph Portelli tad-Dipartiment ghall-Progetti u Zvilupp fejn gie informat b'dan. Il-ftuh u tindif ta' dawn il-latrina ser jibda jsir minn Anthony Cutajar il-kuntrattur tat-tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix.

**11 Diskussjoni dwar l-andament ta' l-attivita` tal-*Qala International Folk Festival* 2009.**

11.1 Is-Sindku semma li ser jigi ppubblikat ktieb fuq il-konferenza internazzjonali li saret inkonessjoni mal-*Qala International Folk Festival 2009*. Huwa ppropona li dan il-ktieb jigi ddedikat lill-Kunsillier Anthony Camilleri. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan. Giet mibghuta *press release* mill-Kunsill lill-gazzetti lokali dwar dan il-*festival.*

## 12 Terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-iskrivana tal-Kunsill – Process ta' l-ingagg ghal skrivan iehor.

12.1 Is-Sindku semma li skond il-regolamenti kellha jsir *internal call* fil-Kunsill Lokali ta' Malta u Ghawdex ghal vakanza ta' skrivan fuq skala 15. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Korporazzjoni ghall-Impjieg u Tahrig fejn gew informati li ma applika hadd mill-*internal call* u sabiex tintbghat lista ta' persuni mill-Korporazzjoni ghall-Impjieg u Tahrig li jaqaw taht il-kriterji li ta l-Kunsill f'din l-istess ittra. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Carmen Zammit *Executive – Employment Services* mill-Korporazzjoni fejn bghatet lista ta' kandidati li ser jibghatu c-CV taghhom lill-Kunsill. Bhalissa l-Kunsill qed jircievi ic-CV's. Il-Kunsill iddiskuta li ghandu jinhatar bord sabiex jaghmel l-intervisti lill-kandidati li japplikaw ghal din il-vakanza.

## 13 Materji ohra.

13.1. Il-Vici Sindku Dr Raymond Xerri li huwa wkoll il-President ta' l-Ghaqda Muzikali 'Ite ad Joseph' Qala semma li din l-istess Ghaqda ser torganizza l-Gimgha tal-Banda 2009 fejn ser jigu organizzati diversi attivitajiet. Huwa semma li l-Kunsill ser jkun mistieden. Gew trattati zewg inviti li rcieva l-Kunsill minghand din l-Ghaqda. Invit minnhom sabiex jattendi ghall-bidu u invit iehor sabiex jattendi ghall-gheluq ta' l-ewwel edizzjoni ta' din il-Gimgha tal-Banda li ser isiru fit-13 u t-22 ta' Dicembru 2009 rispettivament. Dr Raymond Xerri ta spejgazzjoni ta' l-attivitajiet li ser jigu organizzati u talab l-ghajnuna finanzjarja tal-Kunsill ghas-spejjes tat-trasport meta jsir il-harga ghall-Malta li ser isir fil-15 ta' Dicembru 2009. Il-Kunsill accetta li jaghti din l-ghajnuna.

13.2 Gie trattat l-*Audit Report* 2009/078 mahrug minn Joseph Falzon *Audit Officer* fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fuq l-approvazzjoni ta' l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 7810/06. Il-Vici Sindku Dr Raymond Xerri talab sabiex johrog mill-kamra peress li ghandu interess pekunjarju. Il-Kunsill accetta dan. Ghalhekk Dr Raymond Xerri hareg mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u qabel mieghu. Il-Kunsill iddecida li tinbghat ittra lic-*Chairman* ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar dan ir-rapport. Wara li giet diskussa din il-materja Dr Raymond Xerri rega dahal lura fil-kamra sabiex titkompla l-materja li jmiss.

13.3 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lis-Sezzjoni Infurzar fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza numru QLC/MEPA/16/2009 dwar post abbandunat fi Triq it-Telgha.

13.4 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Inginier Charlie Camilleri tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma b'referenza QLC/WSC/2/2009, dwar ilmenti dwar sbroff ta' drenagg minn tappiera quddiem ir-residenza ta' Joe Camillieri li joqghod 'Camilleri', Triq l-Imgarr, Qala.

13.5 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-hlasijiet bir-referenzi SP 06/2009, SP 07/2009. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni sabiex jithallsu l-kontijiet mnizzlin f'din l-iskeda. Ghalhekk din l-iskeda giet approvata unanimament.

**14 Korrispondenza.**

14.1 Gew trattati ittri, *memos, dokument ta' ftehim, invit,* rapporti, *planning control application form*, notifika t'avviz, applikazzjonijiet, *agenda* u rapporti tad-decizjonijiet li gejjien:

14.2 Ittra mibghuta mis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Onorevoli Dr Chris Said dwar lista ta' mizuri relatati mal-operat tal-Kunsilli Lokali li thabbru fid-diskors tal-*Budget.*

14.3 *Memo* 54/2009 mibghuta mid-Direttur Natalino Attard tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar Attivitajiet mill-Kunsilli Lokali - Programm fl-*Education 22* u TVM. Il-Kunsill bghat ir-risposta lid-Dipartiment ghal din il-*memo.*

14.4 Tlett *memo's* mibghuta minn Silvio Frendo ghad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. *Memo* 49/2009 dwar certu infieq tal-Kunsilli Lokali, *memo* 50/2009 dwar Mistoqsijiet Parlamentari numri 10564 u 10565 u *memo* 64/2009 dwar Mistoqsijiet Parlamentari numri 11398 u 11479. Il-Kunsill bghat ir-risposti lid-Dipartiment ghall-*memo's* kollha fuq imsemmija.

14.5 Ittra mibghuta minn Maria Sammut ghad-Direttur mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar Mistoqsija Parlamentari fuq l-ammont ta' fondi li ntefqu mill-Kunsill fis-sena 2009 ghal xiri ta' kotba ghal librerija pubblika tal-lokalita`. Il-Kunsill bghat ir-risposta lid-Dipartiment ghal din il-Mistoqsija Parlamentari.

14.6 Ittra mibghuta minn Deborah Pace ghad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar informazzjoni dwar kemm Kunsilliera nisa kien hemm mill-bidu tal-Kunsilli Lokali s'issa. Il-Kunsill bghat ir-risposta lid-Dipartiment ghal din l-ittra.

14.7 Ittra mibghuta minn D. Busuttil ghal Perit David Vassallo *Traffic Management Unit Manager* fl-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta, dwar rapport mill-Kunsill Lokali rigward ir-*reserved parking* b'referenza numru 2292.

14.8 Dokument ta' ftehim li sar bejn l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Kunsill dwar l-*Urban Improvement Fund* fejn il-Kunsill ser jinghata €1,700 ghal xoghol ta' bdil ta' apparat tal-*Playing Field* Magistrat Salvu Attard.

14.9 Invit mibghut mill-Arcipriet Can Dr Joseph Zammit fejn stedin lill-Kunsill ghal *Gozo International Celebration* – l-Edizzjoni tal-Milied, nhar is-Sibt 13 ta' Dicembru 2009.

14.10 Ittra mibghuta minn Kevin Sciberras *Chairman* – Kumitat Lejlet Lapsi – Notte Gozitana 2010 fit-Taqsima Kultura fid-Dipartment tal-*Customer Services*, dwar ir-raba edizzjoni tan-Notte Gozitana li ser issir bejn l-14 u s-16 ta' Mejju 2010.

14.11 Ittra mibghuta minn George N. Cassar li joqghod 17, Triq P.P Hili, Fontana, dwar il-ktieb li huwa ppubblika bl-isem 'Zmien il-Hsad'. Il-Kunsill iddecida li jordna ghaxar kopji ta' dan il-ktieb.

14.12 Ittra mibghuta minn Giovanni Zammit Segretarju Ezekuttiv minn Wirt Ghawdex, dwar ghajnuna li huma jistghu joffru minn naha taghhom fuq xogholijiet ta' restawr u *management* ta' siti storici.

14.13 Ittra li Coronato Pace li joqghod 'Marcor', Triq il-Wardija, Qala, l-persuna li fis-snin l-imghoddija l-Kunsill kellu kuntratt mieghu ghall-provvista u tbattil ta' l-*open skips*, ircieva minghand Avv. Tatiane Scicluna Cassar mid-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp dwar l-ammont ta' €148.29 dovut minnu lid-Dipartiment ghall-materjal li huwa kien iddispona fil-Qortin tax-Xaghra bejn is-snin 1997-2004. Il-Kunsill iddecida li dan l-ammont ghandu jithallas mill-Kunsill lid-Dipartiment.

14.14 Ittra mibghuta minn Lavinia Cassar mill-MEUSAC dwar il-*co-financing fund.* Il-Kunsill issottometta applikazzjoni tal-*co-financing fund* ghall-applikazzjoni 323 tal-*European Agriculture Funds for Rural Development.*

14.15 Hames rapporti mibghuta minn Charles Bonnici *Senior Principal Environmental Health Officer* ghad-Direttur *Environmental Health* mill-*Environment Health Risk Management Zone A* fid-Dipartiment ta' l-*Environmental Health*, dwar testijiet ta' l-ilma tal-bahar li saru mill-21 sas-27 ta' Settembru 2009, mit-28 ta' Settembru 2009 sa l-4 t'Ottubru 2009, mill-5 sal-11 t'Ottubru 2009, mit-12 sat-18 t'Ottubru 2009 u mid-19 sal-25 t' Ottubru 2009.

14.16 Zewg ittri mibghuta mill-Inginier Ray Piscopo *Director Corporate Services* fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, dwar *statements of funds* sa l-ahhar t' Awwissu u ta' Settembru 2009.

14.17 Kopja ta' *Planning Control Application Form* PC0047/09 mibghuta minn Mandy Camilleri Segretarja fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Il-Kunsill bghat ittra lil Gaetano Bugeja fl-Awtorita` fejn gie mitlub aktar informazzjoni fuq din l-applikazzjoni.

14.18 Notifika t'avviz mibghuta minn Mary Portelli (*Enforcement*) ghad-Direttur ta' l-Ippjanar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza ECF 00944/09, fejn b'din l-istess notifika nformat lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

14.19 Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp mibghuta minn Melanie Chetcuti Segretarja tal-Ufficcju tal-Kommunikazzjoni fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bin-numri 03781/09, 04044/09, 03233/08, 04712/09 u 04529/09. L-applikazzjoni bin-numru 03233/08 hija *re-issued.* Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghall-applikazzjonijiet fuq imsemmija.

14.20 *Agenda* tal-laqgha tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' Zvilupp mibghuta minn Melanie Chetcuti Segretarja tal-Ufficcju tal-Kommunikazzjoni fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li ser issir nhar is-24 ta' Novembru 2009.

14.21 Rapporti tad-decizjonijiet tal-laqghat tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' Zvilupp mibghuta minn Melanie Chetcuti Segretarja tal-Ufficcju tal-Kommunikazzjoni fl-Awtorita` ta' Malta

QALA

Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li saru nhar is-6, u t-28 t' Ottubru 2009, it-3 u l-10 ta' Novembru 2009.

Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' fil-ghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 15 ta' Jannar 2010.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva